22003A1230(02)

30.12.2003 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 342/45

# PROTOKOLL

## li jimmodifika r-raba' Protokoll li jippreskrivi l-kondizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-sajd provduti fil-Ftehim dwar is-sajd bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, mill-banda waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Grenlandja, mill banda l-oħra

Bħala riżultat tal-laqgħa tal-Kumitat Konġunt tas-16 sat-18 ta' Ġunju 2003, ir-raba' Protokoll ([1]) huwa modifikat kif ġej, b'effett mill-1 ta' Jannar 2004:

1. Artikolu 1 jiġi mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

1. Dan il-Protokoll għandu japplika għal attivitajiet tas-sajd mill-1 ta' Jannar 2001 sal-31 ta' Diċembru 2006.

2. Il-kwoti riferiti f'Artikolu 2 tal-Ftehim għandhom jiġu fissati kull sena fid-dawl ta' tagħrif xjentifiku disponibbli. Għandhom jiġu kalkolati bħala l-bqija tal-qbid totali permess tal-Grenlandja wara li jitnaqqsu l-kwantitajiet riferiti fl-ewwel paragrafu ta' Artikolu 7 tal-Ftehim u indikati f'Artikolu 2, izda m'għandhomx jaqbżu l-kwantitajiet li ġejjin:

*(f'tunnellati metriċi)*

| Speċi | Ħażna tal-Punent (OSAM (NAFO) 0/1) | Ħażna tal-Lvant (ICES XIV/V) |
|---|---|---|
| Merluzz | pm ([1]) | |
| Salmur raġel | 0 ([2]) | 25 500 ([3]) |
| Ħalibatt tal-Grenlandja | 1 500 ([4]) | 9 000 ([5]) |
| Gambli | 4 000 | 5 675 |
| Ħalibatt ta' l-Atlantiku | 200 ([6]) | 1 000 ([6]) |
| Il-ħuta *Mallosus villotus* (għal-lixka tal-merluzz) | | ([7]) |
| *Roundnose grenadier* | 1 350 | 2 000 |
| *Snowcrab* | 1 000 | |
| Qbid sekondarju | 2 000 ([8]) | |

([1]) Fil-każ ta' rkupru ta' ħażniet, il-Komunità tista' tistad sa 31 000 tunnellata metrika, b'żieda korrespondenti fil-parti tal-kumpens finanzjarju kif riferit fl-Artikolu 11(2). Jistgħu jistadu għalihom fil-Lvant jew fil-Punent.
([2]) Il-Komunità tista' titlob żieda fil-kwota, sa' l-aħħar ta' Novembru għas-sena ta' wara, sa massimu ta' 5 500 tunnellata mettrika, b'żieda korrespondenti fil-parti tal-kumpens finanzjarju riferit fl-Artikolu 11(2).
([3]) Jistgħu jistadu għalihom fil-Lvant jew fil-Punent u li minnhom massimu ta' 20 000 tunnellata metrika jistgħu jinstadu permezz ta' xbieki tat-tkaxkir. Qbid mill-qiegħ, sajd bix-xbieki u sajd bix-xbieki tat-tkaxkir għandhom jiġu rapportati separatament. Il-Komunità tista' titlob żieda fil-kwota, sa' l-aħħar ta' Novembru għas-sena ta' wara, sa massimu ta' 47 320 tunnellata metrika, b'żieda korrespondenti fil-parti tal-kumpens finanzjarju kif riferit fl-Artikolu 11(2).
([4]) 500 tunnellata metrika jistgħu jinstadu jew fit-Tramuntana jew fin-Nofsinhar bi ftehim ma' l-awtoritajiet tal-Grenlandja.
([5]) Din il-figura tista' tiġi riveduta fid-dawl tal-ftehim għall-allokazzjoni ta' possibbitajiet ta' qbid bejn pajjiżi kostali. Is-sajd għandu jiġi mmexxi permezz ta' limitazzjoni fuq in-numru ta' bastimenti fl-istess ħin.
([6]) Jekk qbid sekondarju minn bastimenti tal-Komunità ta' ħalibut Atlantiku f'sajd bix-xbieki għall-merluzz u għas-salmur raġel ikun jimlika qbiż tal-limitu (*overruns*) ta' kwoti tal-Komunità ta' ħalibut Atlantiku, l-awtoritajiet tal-Grenlandja jipprovdu soluzzjonijiet b'riżultat li sajd għall-merluzz u għas-salmur raġel fil-Komunità jista' madankollu jkompli sakemm il-kwoti tal-merluzz u tas-salmur raġel ikunu ntużaw kollha.
([7]) 7,7 % tal-ħuta *Mallosus villotus* (għal-lixka tal-merluzz) QTP għall-istaġun.
([8]) Jirreferi għall-qbid sekondarju kombinat ta' merluzz, *catfish*, *skate*, *ling* u *tusk*. Il-kwantitajiet sekondarji ta' merluzz m'għandhomx jaqbżu l-100 tunnellata mettrika.. Jistgħu jistadu għalihom fil-Lvant jew fil-Punent.

([1]) ĠU L 209, tat-2.8.2001, p. 2.

3. Il-kwota għal gambli fil-Grenlandja tal-Lvant tista’ tinstad f’zoni fil-Punent tal-Grenlandja basta li arranġamenti għal trasferimenti ta’ kwota bejn sidien ta’ bastimenti mill-Grenlandja u l-Komunità Ewropea jkunu ġew stabbiliti fuq bażi ta’ kumpannija ma’ kumpannija. Il-Gvern responsabbli mill-Affarijiet Interni tal-Grenlandja għandu jindaħal biex jiffaċilita dawn l-arranġamenti. It-trasferimenti ta’ kwoti jistgħu jsiru biss f’massimu ta’ 2 000 tunnellata metrika kull sena f’zoni tal-Grenlandja tal-Punent. Is-sajd imwettaq mill-bastimenti tal-Komunità għandu jseħħ fuq l-istess kondizzjonijiet kif preskritti fil-liċenza maħruġa lis-sid tal-bastiment tal-Grenlandja.

4. Awtorizzazzjonijiet għal sajd sperimentali jistgħu jkunu disponibbli għal perjodu ta’ prova ta’ massimu ta’ sitt xhur kull wieħed, bi qbil ma’ Artikolu 9 u Anness V.

5. Meta l-Partijiet jikkonkludu li kampanji sperimentali jkunu akkwistaw riżultati pozittivi, l-Gvern responsabbli mill-Affarijiet Interni tal-Grenlandja se jalloka 50 % ta’ l-opportunitajiet ta’ sajd għall-ispeċi ġodda lill-flotta tal-Komunità, sa’ l-aħħar tal-Protokoll. Dan, flimkien ma’ żieda korrespondenti fil-parti tal-kumpens finanzjarju riferit fl-Artikolu 11(2).”

2. Artikolu 2 jiġi mibdul b’dan li ġej:

“*Artikolu 2*

Il-kwantitajiet riferiti fl-ewwel paragrafu ta’ Artikolu 7 tal-Ftehim huma hawnhekk stabbiliti fil-livelli li ġejjin kull sena:

*(f’tunnellati mettriċi)*

| Speċi | Ħażna tal-Punent (OSAM (NAFO) 0/1) | Ħażna tal-Lvant (ICES XIV/V) |
|---|---|---|
| Merluzz | 50 000 [1] | |
| Salmur raġel | 2 500 | 5 000 |
| Ħalibatt tal-Grenlandja | 4 700 | 4 000 |
| Gambli | 25 000 | 1 500 |

[1] Jista’ jiġi mistad fil-Punent jew fil-Lvant.”

3. Artikolu 3 jiġi mħassar:

4. Artikolu 9 jiġi mibdul b’dan li ġej:

“*Artikolu 9*

Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-kondotta ta’ sajd sperimentali fuq, fost affarijiet oħra, speċi tal-baħar fond, *cephalopods, clams* u l-ħuta *Mallosus villotus* (għal-lixka tal-merluzz) (ħażna tal-Ppunent) fl-ibħra tal-Grenlandja. Għal dan il-għan, għandhom ikollhom konsultazzjonijiet kulmeta waħda mill-Partijiet titlob u tistabbilixxi dan, fuq bażi ta’ każ b’każ, speċi rilevanti, kondizzjonijiet u parametri oħra. Il-Partijiet għandhom jimplimentaw is-sajd sperimentali bi qbil ma’ Anness V.”

5. Artikolu 11 jiġi mibdul b’dan li ġej:

“*Artikolu 11*

1. Il-kumpens finanzjarju riferit f’Artikolu 6 tal-Ftehim għandu, matul il-perjodu ta’ validita ta’ dan il-Protokoll, jiġi fissat għal 42 820 000 EUR kull sena pagabbli fil-bidu ta’ kull sena tas-sajd.

2. Il-parti tal-kumpens finanzjarju li tirrappreżenta 31 760 679 EUR hija meqjusa bħala l-ammont ta’ ritorn għal possibbiltajiet tas-sajd. Dak l-ammont għandu jiġi aġġustat matul il-kors ta’ kull sena tas-sajd fejn kull kwota supplimentari li taqbeż il-kwantitajiet tal-kwota riferiti fit-tabella f’Artikolu 1 tiġi allokata lill-Komunità. L-aġġustament għandu jiġi kalkolat fuq il-bażi tal-prezzijiet tas-suq ta’ l-ispeċi differenti li għalihom il-kwota supplimentari hija allokata.

3. Il-Grenlandja għandha tagħmel disponibbli lill-Komunità kwantita ta’ 20 000 tunnellata metrika ta’ ekwivalenti tal-merluzz, li l-Komunità tista’ tuża għall-għanijiet li takkwista possibbiltajiet supplimentari ta’ qbid. Il-kumpens aġġustat riferit fil-paragrafu 2 jista’ jikkonsisti minn sa 50 % ta’ dawn l-ekwivalenti tal-merluzz.

4. Il-proċedura li trid tiġi segwita rigward l-allokazzjoni ta' possibbiltajiet supplimentari ta' qbid skond Artikolu 8 tal-Ftehim hija stabbilita f'Anness III.

5. Il-kontribuzzjoni finanzjarja li toħroġ mill-ħlas dirett ta' liċenzi mis-sidien tal-bastimenti se tiġi mnaqqsa mill-kumpens globali tal-Komunità kif dikarat fl-Artikolu 11(1). Il-miżati ta' liċenzi ghal kull speċi u kull tunnellata metrika allokati għal bastimenti għandhom jiġu dikjarati bi qbil ma' Anness VI. Il-modalitajiet tekniċi ta' implimentazzjoni biex jiġu attribwiti liċenzi tas-sajd għandhom jiġu miftiehma permezz ta' arranġament amministrattiv bejn il-Partijiet.

6. Il-Grenlandja għandha timplimenta appoġġ ta' l-estimi għas-settur tas-sajd għall-bqija tat-tliet snin tal-Protokoll bi qbil ma' l-irbit tal-politika li tkun indaħlet għalihom fl-ittra tal-Prim Ministru tal-Grenlandja lill-President Prodi tat-12 ta' Ġunju 2003. L-orjentazzjonijiet dwar strateġija u għanijiet tar-riforma tal-politika tas-sajd tal-Grenlandja, kif definiti u programmati b'mod indipendenti u awtonomu mill-Gvern responsabbli għall-Affarijiet Interni tal-Grenlandja, kif ukoll id-dettalji tekniċi rigward id-definizzjoni, l-implimentazzjoni u l-moniteragg ta' l-appoġġ ta' l-estimi għas-settur tas-sajd fil-Grenlandja għandhom jiġu stabbiliti f'arranġament amministrattiv bejn il-Grenlandja u l-Komunità Ewropea. Il-Grenlandja għandha talloka 500 000 EUR biex iżżid l-estimi ta' l-Istitut tar-Risorsi Naturali tal-Grenlandja."

6. Artikolu 14 jiġi mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 14*

Mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2005, il-Partijiet għandhom jistmaw l-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll bil-ħsieb li jħejju n-negozjati għall-Ftehim li jkun imiss."

7. Anness I jiġi mħassar;

8. Anness V jiġi emendat, kif ġej:

"*ANNESS V*

Dettalji ta' implimentazzjoni għal sajd sperimentali

Il-Gvern responsabbli mill-Affarijiet Interni tal-Grenlandja u l-Kummissjoni Ewropea għandhom b'mod konġunt jiddeċiedu dwar operaturi tal-Komunità Ewropea, il-ħin l-aktar xieraq kif ukoll l-arranġamenti għall-implimentazzjoni ta' sajd sperimentali. Sabiex jiġi faċilitat ix-xogħol ta' tkixxif (*exploratory*) tal-bastimenti, l-Gvern responsabbli mill-Affarijiet Interni tal-Grenlandja (permezz ta' l-Istitut ta' Risorsi Naturali tal-Grenlandja) għandu jipprovdi tagħrif xjentifiku eżistenti u tagħrif bażiku ieħor.

L-industrija tas-sajd tal-Grenlandja għandha tiġi assoċjata mill-viċin (kordinazzjoni u djalogu dwar l-arranġamenti għal sajd sperimentali).

It-tul tal-kampanji għandu jkun ta' massimu ta' sitt xhur u minimu ta' tliet xhur, minbarra f'kazi fejn jinbidel mill-partijiet fil-ftehim.

Għażla ta' kandidati għall-implimentazzjoni tal-kampanji sperimentali

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tikkomunika lill-awtoritajiet tal-Grenlandja t-talbiet għal liċenzi għal sajd sperimentali. *Dossier* tekniku li jispeċifika:

— l-karatteristiċi tekniċi tal-bastiment,

— il-livell ta' għarfien dwar is-sajd ta' l-uffiċjali tal-bastiment,

— il-proposta għall-parametri tekniċi tal-kampanja (tul, tagħmir, reġjuni ta' tkixxif (*exploration*), eċċ).

Il-Gvern responsabbli mill-Affarijiet Interni tal-Grenlandja se jorganizza djalogu tekniku bejn l-amministrazzjonijiet tal-Gvern tal-Grenlandja u l-Kummissjoni Ewropea mas-sidien tal-bastimenti konċernati, jekk iqis li dan huwa meħtieġ.

Qabel il-bidu tal-kampanja, is-sidien tal-bastimenti għandhom jissottomettu lill-awtoritajiet tal-Grenlandja u lill-Kummissjoni Ewropea:

— dikjarazzjoni tal-qbid diġa abbord,

— il-karatteristiċi tekniċi tat-tagħmir tas-sajd li jrid jintuża għall-kampanja,

— assigurazzjoni li jikkonformaw mar-regolamenti tal-Grenlandja għas-sajd.

Matul il-kampanja fuq il-baħar, is-sidien tal-bastimenti konċernati għandhom:

— jipprovdu lill-Istitut tar-Rizorsi Naturali tal-Grenlandja, l-awtoritajiet tal-Grenlandja u l-Kummissjoni Ewropea b'rapport ta' kull ġimgħa dwar qbid kuljum u bil-ġbid (*by haul*), inkluża d-deskrizzjoni tal-parametri tekniċi tal-kampanja (pożizzjoni, fond, data u ħin, qbid u osservazzjonijiet jew kummenti oħra),

— jikkomunikaw il-pożizzjoni, l-veloċita u lejn fejn sejjer il-bastiment bl-SMB,

— jiżguraw il-presenza abbord ta' wieħed mill-osservaturi xjentifiċi tal-Grenlandja jew ta' osservatur magħżul mill-awtoritajiet tal-Grenlandja. Ir-rwol ta' l-osservatur se jkun li jiġbor tagħrif xjentifiku mill-qbil, kif ukoll li jieħu kampjuni mill-qbil. L-osservatur għandu jiġi trattat bħala uffiċjali tal-bastiment u s-sid tal-bastiment għandu jkopri l-ispejjeż ta' l-għajxien ta' l-osservatur matul il-waqfa tiegħu jew tagħha fuq il-bastiment. Id-deċiżjoni dwar il-ħin ta' l-osservatur abbord, it-tul tal-waqfa tiegħu jew tagħha u l-port fejn jitla' abbord u fejn jinżel se jiġu fissati bi qbil ma' l-awtoritajiet tal-Grenlandja. Minbarra jekk ikun hemm ftehim għal kuntrarju bejn il-partijiet, il-bastiment qatt m'hu se jiġi obbligat li jidħol f'port aktar minn darba kull xahrejn.

— jissottomettu l-bastimenti għal spezzjoni malli jħallu l-ibħra tal-Grenlandja jekk l-awtoritajiet tal-Grenlandja jitolbu dan,

— jiżguraw li jikkonformaw mar-Regolamenti tal-Grenlandja għas-sajd.

Il-qbid inkluż il-qbil sekondarju miksub matul il-kampanja xjentifika jibqa' l-proprjeta tas-sid tal-bastiment.

L-awtoritajiet tal-Grenlandja se jinnominaw persuna bħala kuntatt responsabbli biex tindirizza kull problema mhix prevista li tista' tfixkel l-iżvilupp tas-sajd sperimentali."

9. Anness VI jiġi miżjud kif ġej:

"*ANNESS VI*

Miżati ta' liċenza

Ir-rati li ġejjin ([1]) għandhom japplikaw:

| Speċi | EUR kull tunnellata mettrika |
|---|---|
| Salmur raġel | 52 |
| Ħalibatt tal-Grenlandja | 85 |
| Gambli | 74 |
| Ħalibatt ta' l-Atlantiku | 199 |
| Il-ħuta *Mallosus villotus* (għal-lixka tal-merluzz) | 7 |
| *Roundnose grenadier* | 10 |
| Snowcrab | 122 |

([1]) Ir-rati jistgħu jiġu addattati perjodikament mill-arranġament amministrattiv bejn il-Partjiet, hija u titqies is-sitwazzjoni tas-suq u tas-sajd."